

*L-ewwel fażi tax-xogħol fuq il-planċier*

*Għall-okkażjoni tal-festa, din is-sena sejrin ninawguraw l-ewwel fażi tal-Planċier kif juru sew dawn ir-ritratti. Issa s-sena d-dieħla titkompla it-tieni fażi tiegħu, jiġifier: it-tilari bil-gwarniċ u bl-iskultura Barokka. Jitlesta ukoll it-taraġ ta' ġewwa kif ukoll il-gallerija bil-Ferro Battuto.*

***Ġużeppi Galea li hu mir-Rabat għamel id-disinn tal-Planċier u dan kien l-istess bniedem li ghamel id-disinn tan-Niċċa ta' San Nikola. Il-bqija tad-disinn ser ikun għall-wiri waqt il-kunċert li se ttella' is-Siġġiewi Festival Brass Band, nhar it-Tnejn, 18 ta' Ġunju u l-Ħadd f'jum il-Festa, 24 ta' Ġunju, 1990.***

***Ix-xogħol tal-ħadid kollu li sar fuq il-Planċier biex ġie iwweldjat u poġġut flimkien sar minn Eusebio Buhagiar u Nazzareno Buhagiar flimkien ma individwi oħrajn li għenu f'affarijiet oħra li jidhru hawn taħt.***

Il-kumitat jixtieq irodd ħajr ukoll lil Mario Farrugia ta' Regina Coeli Triq id-Demnuq, Siġġiewi, tax-xogħol fiċ-ċappetti kollha għall-planċier kif ukoll għal dak li kien hemm bżonn fit-Torn tal-Ħadid. Mario għamel dan ix-xogħol kollu b'xejn. Mario, aħna inroddulek ħajr minn qalbna.

Nixtieq ngħidu ħajr ukoll lil dawk kollha li għenu fiż-żebgħa tal-Planċier. L-iktar lil Andrew Briffa, Jackie Farrugia, Nazzareno Buhagiar u Nazzareno Micallef.

## Donazzjoni għall-Planċier

Nikola u Nikolina Micallef li bħallum sena kienu għall-btajjel fostna ħallewlna donazzjoni ta' mitt lira (Lm100) biex ikun jista' jinbeda l-planċier. L-Għaqda troddilhom ħajr tal-għajnuna li huma taw. B'sogħba kbira waslitilna l-aħbar li xahar wara li marru lura fl-Awstralja Nikola ħalliena minn did-dinja biex mar igawdi lil Missierna fis-sema. B'turija ta' din is-sogħba l-għaqda offriet quddies għal ruħu.

Sadanittant l-għada qed tirċievi donazzjonijiet minn individwi u ta' dan l-għaqda troddilhom ħajr. Prosit lil kulħadd.